# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tallum l-Erbgħa 5 ta' Marzu 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1445/2023 MH**

**Numru:4**

**Timothy Buttigieg**

**Vs**

**Target Traffic Ltd (C 61845)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Timothy Buttigieg fejn ġew premessi s-segwenti:

> *"Ir-rikorrenti jiddikjara bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma ILLI:*
>
> *<u>Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>*

1. *Nhar l-14 ta' Mejju 2018, ir-rikorrenti ġie impjegat mas-soċjetà intimata fil-pożizzjoni ta' Chief Executive Officer fejn huwa kien jokkupa fi ħdan l-istruttura tas-soċjetà intimata diversi karigi inter alia l-irwol ta' direttur, rappreżentant legali u ġudizzjarju u segretarju – vide 'Dok A' (kuntratt tal-impjieg).*

2. *Ir-rikorrenti rriżenja mill-karigi kollha tiegħu fi ħdan is-soċjetà intimata b'effett mill-31 ta' Lulju 2023. Fl-istess waqt, ftit tal-jiem wara, irriżulta illi l-esponenti ġie mkeċċi mill-istess karigi.*

3. *Madankollu, is-soċjetà intimata jonqosha tissalda mar-rikorrenti diversi pendenzi. Dawn jikkonsistu f'arretrati tas-salarju tiegħu għax-xhur ta' Ġunju u Lulju 2023, ħlas tal-bonuses, ħlas tal-ġranet ta' vacation leave mhux utilizzati u ħlas tan-notice period.*

4. *Dawn jammontaw għas-somma ta' €60,405.42.*

5. *Interpellata sabiex tħallas is-somma dovuta – inter alia, tramite l-ittri uffiċjali numru 3619/2023 u 4492/2023 – l-intimata baqgħet inadampjenti.*

6. *Dan id-dejn għalhekk huwa ċert, likwidu, u wieħed li għalaq, hekk kif mistenni mill-artikolu 167 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. *Sa fejn jaf r-rikorrenti, is-soċjetà intimata ma għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba.*

8. *Għaldaqstant, huma pjenament sodisfatti r-rekwiżiti imposti mill-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

9. *Timothy Buttigieg jikkonferma u jiddikjara illi jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Raġuni tat-Talba*

1. *Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.*

*Talbiet:*

***Tgħid għalhekk is-soċjetà intimata 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna:***

1. *Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna, għar-raġunijiet premessi, lis-soċjetà intimata Target Traffic Ltd (C 61845) sabiex tħallas lir-rikorrent s-somma ta' sittin elf, u erba' mija u ħames ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€60,405.42) li jirrappreżentaw is-somma dovuta lir-rikorrent;*

   *Bl-imgħax legali fuq is-somma dovuta, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, inkluż tal-ittri uffiċjali 3619/2023 u 4492/2023 u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment kontra s-soċjetà intimata."*

Rat id-digriet tagħha datat 5 ta' Jannar, 2024.[1]

Rat li din il-kawża ġiet differita għallum biex jiġi ottenut il-permess ai termini ta' l-artikolu 224 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat illi f'din il-kawża bil-proċedura ta' giljottina ai terminu ta' l-artikolu 167 et. seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet ikkontestata mill-avukat tal-konvenut senjatament billi ġiet imressqa d-difiża li l-istess attur kien minn jeddu ċeda t-talba tiegħu għall-ħlas ta' pagi, wkoll li kien hemm diverġenza fuq *vacation leave*

[1] Folio 15
[2] Folio 36

meħud mill-attur, ukoll allegazzjonijiet ta' dejn inkors minħabba aġir tal-attur, fost kontestazzjonijet oħra.

Dan ġie ribattut mill-abbli avukati tal-attur billi ġew ippreżentati lill-Qorti diversi dokumenti li jikkontradixxu din id-difiża mressqa speċjalment fejn si tratta ta' teħid ta' paga.[3]

Qieset wara li semgħet id-debita trattazzjonijiet li fil-fatt it-talba għas-smigħ tal-proċedura sommarja għandha tintlaqa' in kwantu ebda difiża mressqa ma rnexxielha tegħleb din. Kienet tippretendi l-Qorti almenu li dak allegat kien jiġi muri lilha anke b'mod dokumentarju ta' rinunzji ta' pagi relatati għall-perjodu fir-rikors ġuramentat, ukoll għall-passiv imsemmi tortijiet tal-attur u difiżi oħra mressqa.

**Konsegwentement qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai terminu ta' l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u:**

[3] Ara fost l-oħrajn Dok A2 highlighted. Ukoll Dok A3. Erbgħin ċenteżmu

**Tikkundanna lis-soċjeta' intimata Target Traffic Ltd sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sittin elf, erba' mija u ħames ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmi, (€60, 405.42) somma kif hawn fuq premess;**

**Bl-imgħax legali tal-pagament effettiv, inkluż l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali 3619/2023 u 4492/2023 u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment kontra s-soċjeta' intimata.**

**Spejjeż a karigu tas-soċjeta' konvenuta.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**